MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 576/2004

**Elvaston Company Limited**

**vs**

**Carmel sive Charles Aquilina**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-15 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha mija u hamsin lira Maltin (Lm750.00) rapprezentanti prezz miftiehem verbalment bejn il-partijiet u dovut mill-istess konvenut lil Elvaston Company Limited in rigward ghall-kiri tal-lokal maghruf bhala Gianpula, f'Gianpula Road, limiti tar-Rabat ghal *party* illim mbghad sehh fl-istess post kif miftiehem fl-14 ta' Lulju 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Otturbru 2002 u tal-ittra legali tat-tas-7 ta' Settembru 2002 u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-event sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha mija u hamsin lira Maltin (Lm750.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Ottubru 2002 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------